# Qorti Civili Prim Awla

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**DIGIRIET IN CAMERA**

**Illum, it-Tlieta,**
**disgħa (9) ta' April 2024**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 556/2024/1**

**Birdlife Malta (VO 0052)**

**Vs**

**(1) Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir**
**(2) Is-Segretarju Permanenti – Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir**
**(3) Il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar**
**(4) Is-Segretarju Permanenti - Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar**
**(5) Awtorita' għar-Riżorsi u Ambjent**
**(6) L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat permezz ta' rikors b'urġenza mill-Birdlife Malta fl-4 ta' April 2024 fejn talbet:

    *... lil din l-Onorabbli Qorti li tinibixxi lill-intimati milli jimxu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis, u jiftħu l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għall-gamiema fis-sena 2024, għallinqas sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża fl-ismijiet Birdlife Malta vs Il-Ministru għall-Ambjent, l-Energija, u l-Intrapriża et. Rikors Ġuramentat bin-numru 1067/2022 MS. Stante l-urġenza tat-talba, l-esponenti qed titlob bil-qima illi dina t-talba tiġi milqugħa provviżorjament sakemm jingħata digriet finali u dana wkoll a tenur tal-Artiklu 9(4) tal-UNECE Convention on Access to Information, Public Participation in Decision-making and Access to Justice in Environmental Matters (Aarhus Convention) li Malta rratifikat fit-23 t'April 2002.*

*Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommhom milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

2. Rat illi fl-4 ta' April 2024, il-Qorti laqgħet il-Mandat provviżorjament u appuntatu għas-smigħ.

3. Rat illi fil-5 ta' April 2024, l-intimati kollha, għajr għall-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi rrispondew għal dak mitlub billi oġġezzjonaw għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni filwaqt illi elenkaw ir-raġunijiet minnhom prodotti.

4. Rat illi fil-5 ta' April 2024, ġie ppreżentat rikors mill-**Federazzjoni Kaċċaturi, u Nassaba Konservazzjonisti (VO 0306)**, fejn talbu illi jintervjenu fir-rikors, liema talba ġiet milqugħa dakinhar stess.

5. Rat illi fit-8 ta' April 2024, l-Awtorita' għall-Ambjent u Riżorsi ppreżentat ir-risposta tagħha fejn oġġezzjonat għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u elenkat ir-raġunijiet għaliex tali Mandat kellu jiġi miċħud.

6. Rat illi l-Mandat kien appuntat għat-trattazzjoni finali għat-8 ta' April 2024.

7. Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri eżebita mill-Għaqda rikorrenti fis-seduta tat-8 ta' April 2024 kif ukoll mill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (VO 0306).

8. Fehmet illi l-Gvern bi ħsiebu jipproċedi fuq il-parir lilu mogħti.

9. Semgħet it-trattazzjoni fit-tul ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha illi saret fit-8 ta' April 2024, wara liema trattazzjoni l-Mandat ġie differit għal-Digriet in Camera għallum.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

10. Il-Qorti tqis illi qabel ma tinoltra ruħha aktar fil-meritu tal-Mandat, fuq bażi *prima facie*, ikun opportun illi jiġu meqjusa l-aspetti legali li jirrigwardaw l-azzjoni odjerna.

11. Jirriżulta, di fatti, illi a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

12. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

13. Jirriżulta illi fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-

elementi rikjest għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall ħruġ tal-Mandat.*
>
> *Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*
>
> > *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il liġi".*
>
> *(3) <u>ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd</u>: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*
>
> > *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*
>
> *Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan minn naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**<u>Konsiderazzjonijiet fattwali</u>**

14. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni dettaljata ippreżentata mill-partijiet kif ukoll mit-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi l-Għaqda rikorrenti trid iżżomm lill-intimati milli jimxu fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ornis tat-2 ta' April 2024 u jiftħu l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għas-sena 2024 fuq il-gamiem (streptopelia turtur) bejn l-10 u l-24 ta' April 2024.

15. Jirriżulta illi l-Għaqda rikorrenti, preċedentement, permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru 492/2022 AJD, ippreżentat fil-11 ta' April 2022, kienet ġia ppreżentat Mandat ta' Inibizzjoni simili, fejn kienet talbet illi l-istaġun tal-kaċċa tas-sena 2022 ma jinfetaħx.

16. Jirriżulta illi, permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' April 2022, t-talba tal-Għaqda rikorrenti kien ġiet miċħuda peress illi ġie stabbilit illi ma kinux jissussistu l-elementi meħtieġa sabiex jinħareġ tali Mandat ta' Inibizzjoni, fosthom dawk tal-preġudizzju irrimedjabbli w tal-proporzjonalita'.

17. Jirriżulta illi sussegwentement, fl-10 ta' Novembru 2022, l-Għaqda rikorrenti intavolat proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-istess intimati odjerni fejn talbet, inter alia,

> *Tordna lill-intimati, jew min minnhom, ma jiftħux l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fug l-ispeċi Streptopelia turtur abbażi tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, sakemm l-istatut ta' konservazzioni tal-istess speċi tibqa' fi stat mhux favorevoli (unfavourable], kif filfatt hu;*

18. Jirriżulta illi l-kawża odjerna, Rikors Ġuramentat Nru 1067/2022 MS, tinstab pendenti u tinstab fi stadju tal-provi rikorrenti, fejn bdew jinstemgħu l-provi rikorrenti w il-kawża tinstab differita għat-18 ta' April 2024 fil-11.15 am għall-provi rikorrenti.

19. Jirriżulta illi fit-3 ta' April 2023, l-Għaqda rikorrenti reġgħet mill-ġdid ippreżentat Mandat ta' Inibizzjoni ieħor, Nru 542/2023 GG, b'talbiet simili ħafna, fejn din id-darba talbet illi l-istaġun tal-kaċċa tas-sena 2023 ma jinfetaħx.

20. Jirriżulta illi permezz ta' digriet datat 17 ta' April 2023, il-Qorti reġgħet ikkunsidrat l-argumentazzjoni tal-Għaqda rikorrenti, u ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni wara illi qieset illi

> *... din is-sitwazzjoni hija identika għal-dik prevalenti fis-sena 2022 b'hekk huwa evidenti li ma kien hemm l-ebda "bdil fiċ-ċirkostanzi" minn dawk li dwarhom iddeċiedet il-Qorti fil-mandat tal-2022 u li konsegwentement ma jagħtu ebda dritt lill-Għaqda li terġa' tipproponi dan il-mandat.*

21. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, permezz tal-Mandat odjern ippreżentat fl-4 ta' April 2024, l-Għaqda rikorrenti reġgħet talbet illi l-istaġun tal-kaċċa ma jinfetaħx, din id-darba għas-sena 2024.

## Ikkunsidrat

22. Din il-Qorti tibda biex tqis illi l-Għaqda rikorrenti, kif ukoll l-intimati w l-intervenuti fil-kawża, ippreżentaw quddiem dina il-Qorti varji dokumentazzjoni, inkluż xhieda prodotta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fuq imsemmija, Rikors Ġuramentat Nru 1067/2022 MS.

23. Jirriżulta wkoll illi fost id-dokumenti ippreżentati quddiem il-Qorti, hemm ukoll id-dokument msejjaħ '*Report on the Conservation Status of the European Turle-dove (Streptopelia turtur) and Common Quail (Coturnix cotournix)*' datat '*February 2024 updated*' u redatt mill-**Wild Bird Regulation Unit**.

24. Jirriżulta illi tali dokument ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat Ornis, illi fih jinsabu membri kemm l-Għaqda rikorrenti, kif ukoll l-Federazzjoni intervenuta fil-kawża, u eventwalment dana wassal sabiex l-istess Kumitat jipproponi lill-Gvern sabiex jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem għal erbgħatax il-nofs ta' nhar, bejn l-10 ta' April u l-24 ta' April 2024, fejn in-numru massimu ta' gamiem illi jistgħu jinqabu ma jistax jeċċedi 1,500 gamiema b'kollox.

25. Jirriżulta illi kienet tali deċiżjoni illi wasslet lill-Għaqda rikorrenti sabiex tintavola l-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna b'urġenza u wara il-ħinijiet legali.

## Ikkunsidrat

26. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, illi dina hija t-tielet sena konsekuttiva illi l-Għaqda rikorrenti tintavola tali tip ta' Mandat ta' Inibizzjoni, b'argumentazzjoni simili, jekk mhux identika, w b'talbiet simili u kważi identiċi, ossija illi ma jinfetaħx l-istaġun tal-kaċċa għall-gamiem għas-sena meta ġie ppreżentat tali Mandat – id-differenza kienet biss is-sena tal-ftuħ tal-kaċċa.

27. Jirriżulta illi l-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni ma kellux suċċess għax il-Qorti, korrettement, qieset illi l-Avviż Legali minnhom ikkontestat, ossija Avviż Legali 116 tas-sena 2022, seta' jiġi kkontestat permezz ta' azzjoni ad hoc, u għalhekk il-pretensjonijiet tal-Għaqda rikorrenti ma kinux ser jiġu irrimedjabbilment preġudikati ladarba huma setgħu jikkontestaw tal-leġislazzjoni fil-fora appożita.

28. Jirriżulta illi t-tieni Mandat ta' Inibizzjoni ma kellux suċċess għax il-Qorti, korrettement, kienet qieset illi ma kien hemm ebda tibdil ta' ċirkostanzi illi jwasslu lill-Qorti sabiex "*tvarja*" il-posizzjoni meħuda fl-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni, w minflok tilqgħu.

29. Jirriżulta illi fil-każ odjern, ossija t-Tielet Mandat ta' Inibizzjoni, din il-Qorti kienet qed tistenna lill-Għaqda rikorrenti sabiex tippreżenta dokumentazzjoni u provi illi juru illi kien hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi illi għandhom jwasslu lil dina l-Qorti sabiex tiskarta dak ġia deċiż fl-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni kif ukoll fit-tieni Mandat ta' Inibizzjoni, u minflok takkorda l-ħruġ ta' tali Mandat ta' Inibizzjoni.

30. Madanakollu, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, mill-assjem tad-dokumentazzjoni prodotta, ma jidher minn imkien illi b'xi mod kien hemm xi tibdil

sostanzjali ta' ċirkostanzi illi b'xi mod jistgħu jwasslu lill-Qorti għal deċiżjoni differenti minn ta' qabilha.

31. Dana qiegħed jingħad għax, kif jirriżulta mill-atti prodotti quddiemha, jirriżulta illi l-Għaqda rikorrenti qiegħda tagħmel referenza għar-rapporti u dokumentazzjoni illi kienu ġia msemmija fil-Mandat ta' Inibizzjoni tas-sena 2022 kif ukoll dik tas-sena 2023, ossija ir-rapport redatt a tenur tal-Artikolu 12 tad-Direttiva Għasafar għall-protezzjoni tal-patrimonju naturali komuni tal-Ewropa għall-perjodu tas-sena 2018.

32. Apparti tali dokumentazzjoni, l-Għaqda rikorrenti tagħmel referenza għal fatt illi preżentement hemm kawża pendenti, Rikors Ġuramentat 1067/2022 MS, fejn l-Avviż Legali 116 tas-sena 2022 u l-korrettezza tagħha qiegħda tiġi kkontestata, kif ukoll għall-fatt illi, fid-19 ta' April 2024, ser tiġi diskussa informazzjoni addizzjonali għas-sena 2024 quddiem it-*Task Force on the Recovery of Birds* organizzata mill-Kummissjoni Ewropeja.

33. Abbażi ta' dawna l-fatti, l-Għaqda rikorrenti qiegħda tinsisti illi jeżistu ċirkostanzi differenti illi b'xi mod jistgħu jwasslu lil dina l-Qorti sabiex tilqa' l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni odjern, fejn tgħid ukoll illi dana għandu jsir, ċertament, sakemm tiġi deċiża l-kawża minnhom mibdija fis-sena 2022.

34. Dina l-Qorti, madanakollu, ma tqis illi ebda mill-fatti elenkati mill-Għaqda rikorrenti b'xi mod tista' titqies bħala tibdil konsiderevoli ta' ċirkostanzi illi jistgħu b'xi mod iwasslu lil dina l-Qorti sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-Mandat odjern.

35. Jibda biex jingħad, di fatti, illi l-meritu dwar l-Avviż Legali 116 tas-sena 2022 u jekk saritx transposizzjoni korretta o meno tal-Liġi Ewropeja hija preżentement meritu tal-kawża miftuħa mill-istess Għaqda rikorrenti, u għalhekk ċertament bl-ebda mod ma tista' qatt dina l-Qorti tqis illi l-ftuħ ta' tali kawża u/jew illi tali kawża hija pendenti, għandha titqies bħala bażi biex il-Mandat ta' Inibizzjoni odjerna tiġi milqugħa.

36. Semmai, l-Għaqda rikorrenti messha talbet lil dik il-Qorti edotta mill-fatti kollha tal-każ sabiex tieħu l-provvedimenti opportuni, jekk jidhirlha meħtieġa biex tipprotegi l-interessi tal-Għaqda rikorrent, u mhux tirrikjedi Qorti oħra, mhux ben edotta bil-fatti kollha, sabiex tieħu tali deċiżjoni – dana ma jistax ħlief jitqies bħala każ ċar u lampanti ta' '*forum shopping*' fejn l-Għaqda rikorrenti tittenta xortiha b'talba identika għal dik tas-snin preċedenti, bit-tama illi xi ħadd differenti jagħtiha raġun.

37. Jingħad ukoll illi, filwaqt illi l-Għaqda rikorrenti tagħmel referenza għar-rapporti minn esperti minnha imqabbda, partikolarment ċertu Carles Carboneras, apparti l-fatt illi tali rapport huwa ċertament *ex parte* u jifforma parti mill-provi prodotti quddiem il-Prim' Awla edotta bil-kawża minnhom intavolata, lil dina l-Qorti jirriżultalha li l-Wild Bird Regulation Unit irrediġiet rapport dettaljat u ben studjat illi ġie kkunsidrat u diskuss waqt il-laqgħat tal-Kumitat Ornis u li eventwalment wassal sabiex tittieħed id-deċiżjoni aħħarija sabiex tinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa għas-sena 2024 b'varji limitazzjonijiet imposti.

38. Jidher, iżda, illi l-Għaqda rikorrenti ma taqbilx mal-konklużjonijet tal-Wild Bird Regulation Unit, u għalhekk dehrilha illi kellha tiskarta totalment il-konklużjonijiet

hemm milħuqa u tagħmel il-Mandat odjern għax, skond hi, hemm ċirkostanzi differenti illum il-ġurnata.

39. Din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi l-kwistjoni tal-kacca fir-rebbiegħa hija suggett illi f'Maltra ilha tigi dibattuta u kombattuta f'diversi fora, kemm lokali kif ukoll Ewropej, u f'dawn id-diversi fora, il-pretensjonijiet tal-Għaqda rikorrenti ġew kkunsidrati diversi drabi, madanakollu dana mingħajr is-suċċess mixtieq mill-Għaqda rikorrenti.

40. Fil-każ odjern, għal darba oħra l-Għaqda rikorrenti terġa' tittenta illi tagħlaq l-istaġun tal-kaċċa u dana abbażi ta' studji illi, kif hija tikkontendi, juri illi fuq bażi reġjonali, u mhux lokali, l-popolazzjoni tal-gamiem qiegħed, aktar ma jgħaddi ż-żmien, jonqos, filwaqt illi tinsisti illi dana huwa dovut prinċiplament riżultat, fost affarijiet oħra, il-ftuħ tal-kaċċa fir-rebbiegħa li jsir Malta, gżira ċkejkna ta' Malta, li, din il-Qorti tosserva, ma hija xejn aktar minn blata f'baħar kbir magħruf bħala l-Mediterran illi jaqsam l-Afrika mill-Ewropa.

41. Madanakollu, hawnhekk il-Qorti ma tistax ħlief ma taqbilx mas-sottomissjonijiet magħmula mill-Federazzjoni Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, fejn ġie osservat illi, minkejja illi l-Għaqda rikorrenti, kif ukoll entitajiet oħra, jikkontendu illi t-telf tal-gamiem huwa attribwibbli, fost affarijiet oħra, għall-qtil ta' tali għasafar waqt il-vjaġġ migratorja tagħhom mill-Afrika għal lejn l-Ewropa, hija ferm diffiċili illi jitqies illi hija proprja l-kaċċa fil-ġimgħatejn ta' April fuq il-gżira ċkejkna ta' Malta, fejn huwa permess jinqabdu sa massimu ta' 1,500 gamiema fuq medda ta' erbgħatax-il ġurnata, li hija l-kawża prinċipali tat-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-gamiem fl-Ewropa u fid-dinja, kif donna qiegħda tinsisti l-Għaqda rikorrenti.

42. Il-Qorti tifhem illi l-Għaqda rikorrenti hija kontra l-kaċċa f'kull stagun, kif del resto stqarret anke fis-sottomissjonijiet orali tagħha, u ser tibqa' tissielet sakemm l-istaġun tal-kaċċa tiġi magħluqa sabiex tippromwovi ż-żieda fil-popolazzjoni tal-gamiem fl-Ewropa w id-dinja, iżda l-Qrati huma dejjem mitluba sabiex jassikuraw illi fil-ħruġ ta' kwalsiasi tip ta' Mandat ta' Inibizzjoni, jintlaħaq bilanċ bejn dak illi huwa mitlub u l-interessi ta' kull min huwa involut f'tali Mandat kif ukoll, fil-każ odjern, tqis l-interessi ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali li huma involuti f'kwistjoni bhal dik illi għandha quddiemha din il-Qorti, b'dan illi jiġi assikurat li jintlaħaq bilanċ u ma jiġix ikkawżat sproporzjon li jkun ta' ħsara lil parti aktar minn oħra.

43. Fil-każ odjern, jidher ċar illi l-Għaqda rikorrenti ġia qiegħda tieħu l-azzjoni opportuni biex tikkontesta u tippromwovi l-posizzjoni tagħha fil-Qrati nostrani, kif ukoll barra minn Malta, u għalhekk il-Qorti tħoss illi ma hemmx il-ħtieġa illi l-azzjoni estrema mitluba mill-Għaqda rikorrenti, ossija din illi tinibixxi l-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa, tiġi kkunsidrata favorevolment, peress illi ma jirriżultax illi d-drittijiet pretiżi mill-Għaqda rikorrenti ser jiġu irremedjabbilment preklużi jekk l-istaġun tal-kaċċa għas-sena 2024 jinfetaħ kif propost, ossija soġġett għal-limitazzjonijiet indikati mill-Kumitat Ornis.

44. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis illi l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli, illi huwa essenzjali sabiex att ta' natura eċċezzjonali, bħalma huwa dak tal-Mandat tal-Inibizzjoni, jiġi kkunsidrat favorevolment, ma ġiex ippruvat illi jeżisti u/jew li jista' jeżisti f'każ li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis jiġu kkunsidrati favorevolment mill-Awtoritajiet kompetenti.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fl-4 ta' April 2024 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u għalhekk:

**Tirrevoka** *contario imperio* id-digriet tagħha tal-4 ta' April 2024.

In vista tan-natura tal-każ, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**